

II

(*Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-publikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*)

DEĊIJONIJIET

IL-KUNSILL

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Novembru 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Australja dwar il-kummerċ tal-inbid

(2009/49/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Australja dwar il-kummerċ tal-inbid (⁽¹⁾), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/184/KE (⁽²⁾), jipprevedi li huma meħtieġa aktar negozjati rigward il-perjodi tranżizzjonali għall-ismijiet imsemmija fl-Artikoli 8 u 11 ta' dak il-Ftehim.
- (2) Fit-23 ta' Ottubru 2000, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegożja Ftehim ġdid dwar il-kummerċ tal-inbid bejn il-Komunità u l-Australja.
- (3) Dawk in-negożjati ġew konklużi u l-Ftehim il-ġdid bejn il-Komunità Ewropea u l-Australja dwar il-kummerċ tal-inbid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat miż-żewġ Partijiet fil-5 ta' Ġunju 2007.
- (4) Il-Ftehim, għalhekk, għandu jiġi approvat.
- (5) Sabiex tiffaċilita l-implementazzjoni u l-emendi possibbi tal-Annessi għall-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tiġi

awtorizzata sabiex tadotta l-miżuri meħtieġa f'konformità mal-proċeduri msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (⁽³⁾).

- (6) Mid-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim, il-Ftehim preċedenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Australja dwar il-kummerċ tal-inbid, il-Protokolli tiegħu u l-iskambju tal-ittri relataf, iffirmati fi Brussell u f'Kanberra fis-26 ta' Jannar 1994 u l-31 ta' Jannar 1994, għandhom jiġu tterminati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Australja dwar il-kummerċ tal-inbid inkluż l-Annessi, il-Protokolli, id-Dikjarazzjoni u l-Iskambju Kkonsolidat ta' Ittri tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna/i li għandha/għandhom tiffirmu/jiffirmaw il-Ftehim biex torbot/jorbtu l-Komunità.

(¹) ĠU L 86, 31.3.1994, p. 3.

(²) ĠU L 86, 31.3.1994, p. 1.

(³) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29(3) tal-Ftehim, il-Kummissjoni qiegħda tīġi awtorizzata biex taddotta, f'konformità mal-proċedura msemmija, kif inhu xieraq, fl-Artikolu 113(1) jew l-Artikolu 113(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Ftehim u biex temenda l-Annessi u l-Protokoll tiegħu, f'konformità mal-Artikoli 29 u 30 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2008

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER